




# It-Tranżazzjonijiet tal-Proprjetà Residenzjali: Ottubru 2024

NR 212/2024 Data tal-Ħruġ: 12 ta' Novembru 2024 Data tal-Għeluq: 4 ta' Novembru 2024

*F'Ottubru 2024, il-kuntratti ta' bejgħ u l-konvenji ta' proprjetajiet residenzjali ammontaw għal 1,121 u 1,282, rispettivament.*



Din l-Istqarrija tal-Aħbarijiet tippreżenta tagħrif proviżorju dwar tranżazzjonijiet ta' bejgħ ta' proprjetajiet residenzjali skont id-data tar-reġistrazzjoni mal-awtorità tat-taxxa.

**Kuntratti ta' Bejgħ**

F'Ottubru 2024, l-għadd ta' kuntratti ta' bejgħ ta' proprjetajiet residenzjali kien jammonta għal 1,121, li juri tnaqqis ta' 1.4 fil-mija meta mqabbel ma' dawk irreġistrati f'Ottubru 2023 (Tabella nru 1a, Ċart nru 1). B'kollox, il-valur ta' dawn il-kuntratti laħaq il-€295.2 miljun, tnaqqis ta' 3.7 fil-mija meta mqabbel mal-valur irreġistrat f'Ottubru 2023 (Tabella nru 2a).

## Ċart nru 1. Kuntratti ta' bejgħ u konvenji rreġistrati

Ta' kull xahar




Fix-xahar ta' riferenza, 1,036 (jew 92.4 fil-mija) tal-kuntratti kienu jikkonsistu minn individwi, filwaqt li kważi l-bqija tal-kuntratti l-oħra kienu magħmulin minn kumpaniji (Tabella nru 1b). Il-valur tal-kuntratti li jinvolvu individwi kien jammonta għal €247.2 miljun, li huwa ekwivalenti għal 83.7 fil-mija tal-valur kollu (Tabella nru 2b).

*Kuntratti ta' bejgħ bid-distrett u l-lokalità*

F'Ottubru 2024, l-akbar ammonti ta' kuntratti ta' bejgħ kienu rreġistrati fid-Distrett tat-Tramuntana tal-Port u fid-Distrett tat-Tramuntana, b'total ta' 319 u 226 kuntratt, rispettivament. Min-naħa l-oħra, l-inqas numri ta' kuntratti kienu nnotati fid-Distrett tal-Punent, u fid-Distrett ta' Għawdex u Kemmuna, b'102 u b'131 kuntratt, rispettivament (Tabella nru 3).

L-akbar ammonti ta' kuntratti ta' bejgħ kienu rreġistrati f'dawn il-lokalitajiet: San Pawl Il-Baħar (107), Birkirkara (64) u Ħaż-Żabbar (53) (Tabella nru 4, Ċart nru 2a). Dawn il-kuntratti kienu jgħoddu 20.0 fil-mija tal-kuntratti kollha rreġistrati f'Ottubru 2024.

## Ċart nru 2a. Il-lokalitajiet li kellhom l-akbar ammonti f'Ottubru 2024

Kuntratti ta' bejgħ




*Proprjetajiet irreġistrati fil-kuntratti ta' bejgħ*

Fix-xahar ta' riferenza, l-għadd ta' proprjetajiet irreġistrati fil-kuntratti ta' bejgħ kien jilħaq l-1,203 (Tabella nru 5). L-Appartamenti (417) u l-Garaxxijiet (291) irreġistraw l-akbar sehem mit-total, b'34.7 fil-mija u 24.2 fil-mija, rispettivament.

**Konvenji**

F'Ottubru 2024, kienu rreġistrati 1,282 konvenju ta' proprjetajiet residenzjali, li huma riflessi f'żieda ta' 5.0 fil-mija fuq is-sena ta' qabel (Tabella nru 6a, Ċart nru 1). L-individwi li kienu involuti f'dawn il-konvenji kienu jgħoddu 1,170 (jew 91.3 fil-mija), filwaqt li l-bqija kienu jinvolvu kumpaniji (Tabella nru 6b).

*Konvenji bid-distrett u l-lokalità*

L-akbar għadd ta' konvenji ta' proprjetajiet residenzjali kien irreġistrat fid-Distrett tat-Tramuntana tal-Port bi 374 konvenju; segwit mid-Distrett tat-Tramuntana b'253 konvenju. Min-naħa l-oħra, l-inqas ammonti ta' konvenji dehru fid-Distrett tal-Punent, u fid-Distrett ta' Għawdex u Kemmuna, b'128 u b'151 konvenju, rispettivament (Tabella nru 7).

L-akbar għadd ta' konvenji kien irreġistrat f'dawn il-lokalitajiet: San Pawl Il-Baħar (101), Birkirkara (64) u Il-Mosta (56) (Tabella nru 8, Ċart nru 2b). Dawn il-konvenji kienu jgħoddu 17.2 fil-mija tal-konvenji kollha rreġistrati f'Ottubru 2024.

## Ċart nru 2b. Il-lokalitajiet li kellhom l-akbar ammonti f'Ottubru 2024

Konvenji









© 2023 Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika